# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Frar tal-2024

NR 058/2024 Data tal-Ħruġ: 28 ta' Marzu 2024 Data tal-Għeluq: 25 ta' Marzu 2024

*Fi Frar tal-2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żieda ta' 0.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Frar tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'0.3 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti kapitali (3.1 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (0.7 fil-mija). L-oġġetti intermedji naqsu b'1.1 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-qasam tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.7 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (4.0 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'1.0 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'0.2 fil-mija. Hawnhekk, il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro niżlu b'1.0 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'1.0 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

Fi Frar tal-2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.5 fil-mija meta mqabbel ma' Jannar tal-2024. L-oġġetti intermedji naqsu b'1.6 fil-mija. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fl-oqsma tal-enerġija, tal-oġġetti tal-konsum u tal-oġġetti kapitali.

Il-prezz totali tas-suq domestiku ma nbidilx, filwaqt li l-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'1.0 fil-mija.

Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsubin għaż-Żona mhux tal-Ewro kif ukoll dawk maħsubin għaż-Żona tal-Ewro naqsu b'1.1 fil-mija u b'1.0 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

21=100) għall-industrija kollha



110
109
108
107
106
105
104
103
Indici
Feb-22
Mar-22
Apr-22
May-22
Jun-22
Jul-22
Aug-22
Sep-22
Oct-22
Nov-22
Dec-22
Jan-23
Feb-23
Mar-23
Apr-23
May-23
Jun-23
Jul-23
Aug-23
Sep-23
Oct-23
Nov-23
Dec-23
Jan-24
Feb-24